**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 476/16 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illli l-partijiet izzewwgu fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok A**. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda tfal;

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Tonio Cauchi li gie ppubblikat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dok B ;**

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mill-bidu ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u ghalhekk ilhom erba' snin separati ossia tlett snin u disa' xhur separati legalment u tlett xhur separati de facto.

Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment u dana ghaliex il-partijiet irrinunjzaw ghal manteniment reciproku u dana skont il-klawzola numru ghaxra (10) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi l-partijiet prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala **Dok C** ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Jannar 2013 u ilhom de facto separati minn Settembru 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.